**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru: 645/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs.**

**Kevin Azzopardi**

Illum id-9 ta' Settembru 2021

Il Qorti:

Rat illi tressaq **Kevin Azzopardi ta' 44 sena** iben il-mejjet Anthony u Vincenza nee Fitzpatrick, imwieled il- Pieta nhar l-4 ta' Marzu 1976 u jghix gewwa Ent A, Flat1, Triq Sir Luigi Preziosi, Floriana detentur tal-karta tal-identita numru 168676M.

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Novembru 2020 ghall-habta tal-4:15am gewwa Telghet il-Kurcifiss il-Furjana:

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezz għad-dannu ta' sid/sidien mhux maghrufa u dan ai termini tal-artikoli 270 u 278 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq bieba ta' nicca liema hsara ma taccedix il-mitejn u ħamsin euro (250) ghad-detriment ta' sid/sidien mhux maghrufa u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1c) tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. bhala persuna kkundannata f'Malta ghal serq, jew ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' oggetti ohra, li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu kif ukoll instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

F' kaz ta' htija il-Qorti ghandha titratta mal-imputat li irrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2021 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ippruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, semghet ix-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-*pre sentencing report* li gie mhejji mill-ufficjal tal-probation Maria Mifsud.

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali taghhom dwar il-piena fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2021.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2021 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali refrattarja ta' l-imputat, li fiha jinsabu registrati sentenzi b'reati simili ghal dawk mertu ta' din il-kawza.
- L-imputat huwa recidiv skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma hajtu. Illi l-ligi tipprovdi li f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tista zzid il-piena bi gradi relattivi.
- L-imputat ibaghti mill-vizzju tad-droga, liema vizzju gabu f'sitwazzjoni fejn qed jirikorri ghall-kriminalita' sabiex jghix u jfendi l-vizzju tieghu.
- L-amissjoni ta' l-imputat saret fl-iktar stadju bikri u ghandha, konsegwentement titqies bhala attenwanti favur l-imputat fic-cirkostanzi tal-kaz.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika**

**ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[2], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[3] u **BLACKSTONE'S Criminal Practice.**[4] Ghalhekk din l-ammissjoni ghandha tigi meqjusa bhala attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Mill-*presentencing report* li gie mhejji irrizulta li l-imputat kien kooperativ mal-ufficjali sabiex jigi mhejji r-rapport. Minn meta tressaq fuq dan il-kaz, l-imputat qed izomm il-boghod mid-droga u kampjuni ta' l-awrina tieghu irrizultaw fin-negattiv ghad-droga illecita. Madankollu l-imputat hela u ma sfruttax opportunitajiet fil-passat sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga li ghandu u jehtieg li jattendi programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema li ghandu. L-imputat min-naha tieghu iddikjara apertament mal-ufficjal tal-probation li huwa ma kienx lest li jidhol u jaghmel programm residenzjali. Fin-nuqqas ta' motivazzjoni u interess min-naha tieghu sabiex issegwi u jattendi programm residenzjali, l-ufficjali huma limitati fl-ghajnuna li jistghu jaghtuh u dan inghad ukoll in vista tal-fatt li f'Dicembru tas-sena li ghaddiet, l-imputat spicca rikoverat l-isptar wara li kien ha certu ammont ta' medicina. L-ufficjal tal-probation spjegat ukoll li meta l-imputat kien segwit b'ordni ta' supervizjoni kien temm l-ordni b'success, izda wara t-tmiem ta' dan l-orndi, rega' waqa' fil-vizzju tad-droga. Proprju ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-imputat ghandu jittenta jindirizza l-problema tad-droga tieghu darba u ghal dejjem bi programm residenzjali. L-ufficjal tal-probation tirrakomanda li l-imputat l-iktar li jista jibbenifika huwa jekk jitqieghed taht Ordni ta' Probation marbuta b'kundizzjoni li ghandu jibda u

---

[1] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[2] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[3] Thomson Reuteurs, S-29
[4] Blackstone Press Limited – 2006 edition

jittermina programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema tad-droga li ghandu.

- Minn naha tar-rapprezentant tal-fondazzjoni Caritas Malta jirrizulta li l-imputat ma applikax sabiex jattendi ghal programm residenzjali izda zamm kuntatt ma' l-istess fondazzjoni. Dan il-kuntatt sar konsistenti minn Novembru 2020, ghalkemm gieli naqas jattendi minhabba x-xoghol tieghu. Ix-xhud Maria Caruana spejgat li skond il-*key worker* tieghu, l-imputat jista jghaddi minghajr ma jaghmel programm residenzjali. Madankollu din il-*key worker* ma tressqitx biex taghti x-xhieda taghha u dan qed jinghad in vista tal-kuntrast ta' opinjoni skjett fir-rapporti li hemm a dispossizjoni tal-Qorti dwar il-htiega li l-imputat jattendi programm residenzjali. Ix-xhud informat il-Qorti li mal-Caritas l-imputat qatt ma halla kampjuni ta' l-awrina sabiex isirulhom testijiet ghad-droga u li dan jista' jkun ghal diversi ragunijiet.

- Mir-records esebiti tal-JobPlus jirrizulta li l-imputat l-ahhar li hadem kien sad-9 ta' April 2020 u jidher il ilu iktar minn sena bla xoghol registrat mal-istess JobsPlus.

- Il-flus misruqa qatt ma gew ritornati lura, u l-imputat qatt ma offra li jirritornahom jew jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna.

- Skond il-prosekuzzjoni l-parte civile ma ghadx ghandhom interess li jmexxu kontra l-imputat u li mhumiex jinsistu bil-proceduri odjerni. Din hija dikjarrazjoni tal-prosekuzzjoni u mhux direttament komunikata lill-Qorti mill-parte civile stess. F'kull kaz, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputazzjonijiet odjerni huma kollha prosegwibbli *ex officio*.

- Finalment il-prosekuzzjoni tenniet li l-ammonti misruqa kienu fil-minimu u l-Qorti ghandha tikkonsidra piena ta' habs fil-minimu u mhux ta' aktar minn hames (5) xhur.

- Illi sabiex tirrifletti fuq il-piena li ghandha tigi erogata, din il-Qorti rat ukoll l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra li jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.* Dawn huma wkoll principji komunament segwiti mill-Qrati Maltin.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtieg lill-pubbliku.

- Finalment il-Qorti tara li, fl-ahhar mill-ahhar, minkejja s-sapport kbir li gie u ghadu qed jigi offrut lill-imputat, huwa m'ghandux il-motivazzjoni jew l-interess li jattendi programm residenzjali sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga u sabiex jittenta jelimina l-istess problema darba w ghal dejjem. L-ezitazzjoni cara tal-imputat tirrifletti biss in-nuqqas ta' rieda tieghu milli jaghmel sforz akbar. Jidher bic-car mir-rapporti esebiti li fin-nuqqas li jattendi programm residenzjali l-imputat ser ikompli jabbuza mid-droga bil-konsegwenza li, possibilment jew anke probabbilment, jerga' jesponi ruhu ghall-hajja tal-kriminalita'.

Din il-Qorti ma tistax b'hekk tikkunsidra ordni ta' probation meta huwa car li l-imputat m'ghandux ir-rieda cara li jallontana ruhu definittivament minn din it-triq. Il-Qorti tqis ukoll li hija mhijiex legalment munita b'xi ghodda legali specifika li biha tista' torbot, tordna jew tisforza lill-imputat biex jattendi u jlesti programm residenzjali bhala

parti mill-piena ghal dawn ir-reati. Wisq anqas tista' tordnalu jlestieh b'success.

Filwaqt li l-Qrati kollha li deher quddiemhom l-imputat kienu dejjem disponibbli sabiex jaghtuh l-ghajnuna mehtiega biex jindirizza l-problema tieghu, l-istess Qrati, inkluz din il-Qorti, ma jistghux jippermettu li imputati li mhumiex propensi jindirrizzaw b'serjeta' il-problema taghhom ma jaghrfux il-konsegwenzi tar-reati imwettqin minnhom.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li piena karcerarja hija l-piena idonea tenut kont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Fir-rigward tas-sottomissjoni maghmula mill-prosekuzzjoni, li l-piena karcerarja m'ghandhiex tkun aktar minn 5 xhur, din il-Qorti tqis li dan is-suggeriment tal-prosekuzzjoni huwa taht il-minimu preskritt mil-ligi.

Filwaqt li din il-Qorti tqis li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva u/jew kompriza fl-ewwel imputazzjoni, din ta' l-ahhar wahedha – ossija s-serq aggravat bil-mezz u bil-hin - a tenur tal-artikolu 278 (1) u 278 (2), igib il-piena ta' 5 xhur sa 3 snin, u l-piena ma tistax tinghata fil-minimu. Ir-reat taht l-artikolu 325 (1) (c), imbaghad, igorr piena sa sitt xhur prigunerija. Di piu', l-imputat huwa mixli wkoll bl-addebitu tar-recidiva taht l-artikoli 49, 50 u 289 – u konsegwentement, kwalunkwe piena tista tizdied imqar b'grad wiehed.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 270, 278, 325(1)(c), 287, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Kevin Azzopardi, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u tikkundannah piena ta' disa' (9) xhur prigunerija li minnhom ghandhom jigu mnaqqsa dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Ghal kull bwon fini, il-Qorti qeghda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs jaghti lill-imputat l-ghajnuna kollha possibbli, dejjem safejn ikun hemm rieda tal-imputat, sabiex, matul l-iskontar tas-sentenza tieghu, huwa jiehu l-ghajnuna possibbli kollha biex jindirizza l-vizzju tieghu tad-droga.

Komunika: Direttur tal-Habs

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar id-9 ta' Settembru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**